



# Ħidmet il-Kappillan Ġużeppi Vella

*Kav. Carmel Bianchi*

Il-Providenza Divina dejjem żejnet u għaniet lill-parroċċa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi, b'kappillani u arċiprieti ta' dehen u għaqal kbir. Dejjem kellna rgħajja spiritwali li, mhux biss kienu ta' eżempju qaddis b'għemilhom, imma kienu wkoll amministraturi gwappi fil-qadi ta' dmirijiethom. Barra li jieħdu ħsieb il-kura tal-erwieħ, huma jħabirku kemm jifilħu sabiex iżejnu t-tempju t'Alla b'opri li huma tassew ta' ġieħ lil Alla u li huma ta' arti kbira u ta' valur.

Illum f'din il-kitba tiegħi, nixtieq li ngħaddilkom xi ftit tagħrif dwar wieħed mill-kappillani li l-parroċċa tagħna kienet imżejna bih. Qiegħed nirreferi għall-Kappillan Ġużeppi Vella. Min kien u x'għamel dan il-kappillan?

**Kappillan Ġużeppi Vella**

Dan il-kappillan twieled ġewwa l-Belt Valletta nhar it-23 ta' Mejju, 1691, u tgħammed l-għada fil-knisja ta' San Pawl tal-Belt. Missieru kien jismu Martin u ommu Anna Marija. Dan is-saċerdot dam bħala ragħaj spiritwali tal-Parroċċa San Ġorġ Martri f'Ħal Qormi, u qeda l-ħidma pastorali tiegħu mis-sena 1733 sal-1776. Tul dawn is-snin, dan il-kappillan żejjen lill-parroċċa u lill-knisja tagħna b'opri ta' valur artistiku kbir. Huwa miet nhar is-27 ta' Settembru, 1776.

**Il-Vara ta' San Ġorġ Martri**

Din l-opra artistika, ġawhra mill-isbaħ li għadna ngawduha sal-lum, saret bit-tħabrik tal-Kappillan Vella li kien għażel lill-iskultur Qormi Pietru Felici. Dan l-iskultur kien naqqax din il-vara ta' San Ġorġ minn zokk ta' siġra tal-ulmu. Minn tiftix li għamel il-Professur Monsinjur Vincenzo Borg, sar magħruf li Pietru Felici beda jaħdem fuq din il-vara nhar it-18 ta' Lulju, 1738.

Il-vara ta' San Ġorġ swiet is-somma ta' 110 skudi li jġibu £9-3s-4d, jew Lm9.16,7 fi flus deċimali li kellna jew €ur21.35 fi flus tal-lum. Mad-daqqa t'għajn wieħed jasal għall-konklużżjoni li kienet xi somma żgħira, iżda meta

wieħed iqabbillha mall-pagi ta' dak iż-żmien malajr jibdilha din il-fehma. Din is-somma kopriet biss il-figura tal-qaddis, u l-flus tħallsu mill-Knisja parrokkjali. Il-vara kienet imbierka minn dan il-kappillan Ġużeppi Vella nhar is-Sibt, 22 ta' April, 1741, u żżanżnet l-għada l-Ħadd, 23 ta' April, 1741. Qabel, mal-faċċata tal-pedestall tal-istess vara kien hemm l-arma tal-Ispof Fra Pawl Alpheran de Bussan li ta l-persmess tiegħu għall-esekuzzjoni ta' din il-vara. Għat-tberik ta' din il-vara l-Qormin ħarġu minn djarhom u l-knisja kienet imballata bin-nies.

### Minn raħal għad-dinjità ta' Belt

Kien ukoll bit-tħabrik u l-għaqal tal-Kappillan Ġużeppi Vella li ġietu l-idea li jitlob lill-ħamsa u għoxrin Granmastru ta' Malta, Manoel Pinto de Fonseca, sabiex Ħal Qormi minn raħal ikun mogħni għal ġieh ta' Belt Pinto. Dan il-Granmastru Manoel Pinto kien Portugiż u nħatar bħala Granmastru nhar it-18 ta' Jannar 1741, u kien l-aktar Granmastru li dam f'din il-kariga. Miet nhar it-23 ta' Jannar, 1773.
Intant, il-Kappillan Vella, deher quddiem il-Granmastru Pinto bil-memorjal nhar is-27 ta' April, 1743. Il-Granmastru feraħ ħafna li l-poplu Qormi xtaq li Ħal Qormi jkollu t-titlu ta' Belt Pinto, għal ismu, u fil-25 ta' Mejju tal-istess sena, il-Granmastru ħareġ id-digriet li bih qata' xewqet il-poplu Qormi. U allura Ħal Qormi beda jkun magħruf bħala Belt Pinto.

### L-Artal Maġġur

Min jaf kemm-il darba morna sal-knisja, sabiex nagħmlu viżta lil Ġesù Sagramentat, jew biex nisimgħu l-quddies, u qajla nirriflettu x'ġawhra kbira ta' arti għandna quddiem għajnejna. Qiegħed nirreferi għall-artal maġġur, artal li jgħaxxaq u jpaxxi l-għajn, u li hu maħdum mill-ifjen irħam fuq disinn li jsaħħar.

Dan l-artal ġie mżanżan nhar is-6 ta' Frar, 1760, fi żmien l-istess Kappillan. Kull min verament jifhem fl-arti, jgħidilna x'teżor imprezzabbli għandna b'artal bħal dan. Ara x'disgrazzja kbira tkun għalina, kieku xi ħadd joħlom li jneħħi dan l-artal. Nittama fil-Mulej li opra bħal din nibqgħu mhux biss ingawduha aħna, imma wkoll li jitpaxxew biha l-ġenerazzjonijiet ta' warajna.

Min kienu l-benefatturi ta' dan l-artal? Il-Kappillan Ġużeppi Vella jsejħilhom "Benefattriċi kbar tal-knisja tagħna." Dan għaliex kienu tliet aħwa xebbiet, Duminka, Mudest u Tereża kunjomhom Sant, ulied Ġużeppi u Isabella Sant, li ħallsu s-somma ta' 750 skud għal din l-opra, u li kienet tinkludi wkoll il-ġilandra tal-irħam li llum m'għadhiex teżisti.

Minn snin qabel, għall-ġenerożità kbira ta' dawn it-tliet aħwa xebbiet, li wrewha drabi oħra wkoll, l-Isqof Fra Pawl Alpheran de Bussan kien irregalalhom qabar għalihom it-tlieta ġewwa l-knisja tagħna. Kien ġest tassew sabiħ mill-Knisja lejn dawn il-benefattriċi.

L-artal maġġur tal-parroċċa tagħna, jgħaxxaq l-għajn meta jkun żarmat, aħseb u ara meta jkun armat u mżejjen għall-festa, b'dawk il-gandlieri tal-fidda, bl-appostli u l-fjuretti. Fil-jiem tal-festa tkun tixtieq li toqgħod bilqiegħda fis-skiet quddiemu, tħares u titpaxxa.

**Il-Fonti tal-Magħmudija**

Opra oħra kbira ta' arti, li żżanżnet fl-istess sena tal-artal maġġur, huwa l-fonti tal-magħmudija. Dan qiegħed inti u dieħel fil-knisja parrokkjali mill-bieb tal-ġenb, min-naħa tan-niċċa tal-vara ta' San Ġużepp. Min jaf kemm tgħammdu trabi bl-ilma mbierek ta' dan il-fonti?! Min jaf kemm minn dawk it-trabi laħqu saċerdoti, isqfijiet, għalliema fl-università, patrijiet, sorijiet u lajċi oħra li mhux biss għamlu isem għalihom infushom, imma wkoll għal pajjiżna!

Dan il-fonti tal-magħmudija huwa wkoll opra ta' żmien il-Kappillan Vella. Huwa ikkunsidrat bħala wieħed mill-aqwa fonti fil-gżejjer Maltin. Il-preġju tiegħu hu fit-tifsila li għandu, kif ukoll fil-kwalità, fl-ilwien u fix-xogħol tal-irħam li fih. Qatt innutajtu bix-xebh li hemm bejn il-quċċata tiegħu mal-kanipew tal-istess artal maġġur, bl-istess ħlewwa ta' kurva fil-quċċata tiegħu?

Dan il-fonti sabiħ kien ħallas għalih is-saċerdot Qormi, Dun Ġwann Mula, li kien ħallas ukoll għall-kwadru mill-isbaħ ta' San Mikiel Arkanġlu, dak li kien hemm qabel dan preżenti. Fl-artiklu tiegħu, il-Kanonku Ġwakkin Schembri jsemmi din id-data u jgħid li "tqiegħed ġdid fuq l-artal ta' San Mikiel, nhar it-28 ta' Settembru, 1754."

Dan il-benefattur saċerdot Qormi, Dun Ġwann Mula għex 88 sena u għalaq għajnejh għad-dinja u mar jitgħannaq mal-Mulej nhar is-6 ta' Diċembru, 1760.
Tul il-parrokat tiegħu, il-Kappillan Dun Ġużepp Vella, ma wettaqx biss dawn l-opri li semmejt, imma nixtieq nagħlaq dan l-artiklu tiegħi billi nsemmi l-kwadru tal-Preżentazzjoni ta' Ġesù fit-tempju, jew aħjar kif nafuh bħala tal-Gandlora u li tpitter mill-pittur Malti Franġisku Zahra.

Refernzi:
Il-Kanonku Dun Ġwakkin Schembri B.A. Lic.D., L.SS., "Il-Knisja Mżejna għall-Festa". Reġistru tal-Magħmudijiet 1731-1772 taħt id-data 28-09-1754.

Reġistru tal-Magħmudijiet 1731-1772, nota minn idejn il-Kappillan Ġużeppi Vella fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa.

Reġistru tal-Mejtin 1701-1778, taħt id-data 17-02-1761, dakinhar li mietet Mudest Sant. Registru taż-Żwiġijiet tas-snin 1756-1803 f'paġna 395v.
Carmel Bianchi, "Il-Kappillan Dun Ġużepp Vella (1691-1776)".